MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1124/2011

**Sergio Manche`**
**(I.D. Numru 121356 (M))**

**vs**

**Carmel sive Charles Grech**
**(I.D. Numru 1099347 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti Manche` sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti kienu joperaw negozju flimkien konsistenti f'importazzjoni ta' prodotti mill-esteru u bejgh tal-istess lokalment;
1.2. Illi f'dan in-negozju kien joperaw bin-numru tal-VAT 1172 – 6930, registrat f'isem ir-rikorrenti fuq indikat;

1.3. Illi fit-12 ta’ Settembru, 2005, lahqu ftehim mal-*Tax Compliance Unit* dwar hlasijiet ta’ taxxa tad-dhul u VAT dovuti mill-operat taghhom;

1.4. Illi ghalhekk accettaw li jippartecipaw f’*joint assessment* u mhux f’wiehed separat u esklussiv ghalihom;

1.5. Illi l-assessment globali rilaxxat mid-Dipartiment *de quo* inhareg l-ammont ta’ disgha u tletin elf, erba’ mija u disgha u tmenin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€39,489.87), (ara fol 5);

1.6. Illi l-istess kontendenti ftiehmu wkoll li l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kellu jinqasam u jithallas pro rata, senjatament : (ara fol 6)

1.6.1. Tlettax –il elf, hames mija u sitta u hamsin Ewro u hamsa u disghin centezmu, (€13,556.95), mir-rikorrenti Manche`;

1.6.2. Hamsa u ghoxrin elf, disa’ mija u tnejn u tletin Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€25,932.91), mill-intimat Grech;

1.7. Illi a bazi tal-imsemmi ftehim, ir-rikorrenti hallas dak kollu minnu dovut lid-Dipartimeni tat-Taxxa u tal-VAT;

1.8. Illi pero`, l-intimat naqas li jhallas kif pattwit fil-ftehim tat-12 ta’ Settembru, 2005, fil-prezenza tal-ufficjali tat-*Tax Compliance Unit*, (ara fol 5);

1.9. Illi konsegwenza ghal dan l-inadempiment tal-intimat Grech id-Dipartiment tal-VAT interpella lir-rikorrenti biex ihallas l-ammont li l-intimat kien intrabat li jhallas kif fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt  sitta punt tnejn, (1.6.2), aktar qabel);

1.10. Illi konsegwentement ir-rikorenti kien kostrett ihallas l-ammont *de quo* b’pagamenti rateali – l-ahhar pagament minnu hekk effettwat ikun fis-6 ta’ Lulju, 2010;

1.11. Illi rrizulta wkoll li konsegwenza tal-istess, akkumulaw diversi multi u imghaxijiet favur id-Dipartiment tal-VAT li ghadhom kemm pendenti kif ukoll pretizi mill-istess rikorrenti;
1.12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti sofra u qed isofri danni ingenti;

1.13. Illi ghalkemm l-intimat kien interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT u l-imghax relattiv u multi, xorta baqa' inadempjenti;

1.14. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-qorti s-segwenti:

1.14.1. Tiddikjara lill-intimat Grech inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu *ai termini* tal-iskrittura tat-12 ta' Settembru, 2005, li konsegwenza tal-istess, sofra danni ingenti kif deskritti fl-istess talba tar-rikorrenti, (ara fol 2);

1.14.2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni subiti mir-rikorrenti ammontanti ghal hamsa w ghoxrin elf, disa' mija u tnejn u tletin Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€25,932.91), oltre multi u imghaxijiet dovuti;

1.14.3. Tikkundanna lill-intimat Grech biex ihallas id-danni hekk likwidati indikati fil-paragrafu precedenti;

1.14.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-15 ta' Novembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Grech datata l-20 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

2.1. Illi d-danni reklamati huma preskritti bid-dekors ta' sentejn (2) *a tenur* tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili u/jew bid-dekors ta' hames (5) snin *a tenur* tal-artiklu 2156 (f) tal-istess Kodici;

2.2. Illi *di piu`*, l-intimat m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti;

2.3. Illi ghal kuntrarju, huwa r-rikorrenti li hu debitur tal-intimat ghall-ammonti akbar ta' flus;

2.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha;

4. Rat il-verbal datat l-24 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li l-provi jkunu preliminarjament limitati ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat, (ara fol 23);

5. Rat id-digriet taghha tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu laqghet l-imsemmija talba, (ara fol 23);

6. Semghet lix-xhieda prodotta;

7. Rat il-verbal datat it-18 t'April, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li jkunu awtorizzati jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fuq l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni fuq riferita;

8. Rat id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti li permezz taghha laqghet it-talba fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 37);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-15 ta' Lulju, 2013;

10. Tirrileva li t-terminu moghti lir-rikorrenti ghan-nota tieghu ghadda inutilment, (ara fol 37);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-intimat Grech sintetikament issottometta s-segwenti:

11.1. Illi qed jecepixxi preliminarjament is-segwenti:

11.1.1. **L-Artiklu 2153 tal-Kap 16:**

11.1.1.i. L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn (2);

11.1.2. **L-Artiklu 2156 (f) tal-Kap 16:**

11.1.2.i. L-azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;

11.2. Illi bejn l-1998 u l-2004 il-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien bi shab;

11.3. Illi r-rikorrenti Manche` kien jimporta oggetti bin-numru tal-VAT tieghu u li ghalihom kien ihallas l-intimat;

11.4. Illi l-intimat Grech ghad baqghalu jiehu min ghand ir-rikorrenti ammonti sostanzjali li l-istess Grech kien zborza biex ihallas ghall-importazzjoni t'oggetti ordnati mir-rikorrenti;

11.5. Illi d-danni rikjamati mir-rikorrenti jikkoncernaw hlasijiet maghmula mir-rikorrenti lid-Dipariment tal-VAT – liema ammonti, skont l-istess rikorrenti – dawn kellhom minflok jithallsu mill-intimat Grech;

11.6. Illi mir-rikors promotur jirrizulta li l-ammont rikjamat mir-rikorrenti hu naxxenti kontrattwalment a bazi tal-ftehim bejn il-kontendenti odjerni datat it-12 ta' Settembru, 2005;

11.7. Illi kif ritenut fil-kaz fl-ismijiet **Micallef vs Cassar, Qorti tal-Appell, datata s-27 t'April, 1953, (Vol. XXXVII. 1. 140**), danni kontrattwali huma preskritti bid-dekors ta' hames (5) snin;

11.8. Illi skont l-artiklu 2137 tal-Kodici Civili:

" … il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata …";

11.9. Illi tenut kont tar-rizultanzi kif anke esposti mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur tieghu il-preskrizzjoni in dizamina bdiet tiddekorri mill-gurnata li fiha giet iffirmata l-obbligazzjoni *de quo*, senjatament it-12 ta' Settembru, 2005, data tal-ftehim rikjamat mill-istess rikorrenti, (ara fol 5);

11.10. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li ghadda perjodu t'aktar minn hames (5) snin previst, u b'hekk l-azzjoni odjerna hi preskritta;

Ikkonsidrat:

12.0. Illi minn analizi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti, jirrizulta s-segwenti:

12.1. Illi l-kontendenti kienu jinnegozjaw bi shab;

12.2. Illi fit-12 ta' Settembru, 2005, il-kontendenti ikkonkludew ftehim li permezz tieghu qablu li jkollhom "*joint assessment*" mat-*Tax Compliance Unit* tad-Dipartiment tal-VAT;

12.3. Illi nonostante dan il-ftehim, ir-rikorrenti kien akkollat bil-pagamenti kollha dovuti minn negozjanti hawn kontendenti;

12.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorenti ippromwova l-azzjoni odjerna biex jirkupra l-pagamenti dovuti mill-ex-socju tieghu, liema azzjoni hi datata l-15 ta' Novembru, 2011;

12.5. Illi bejn iz-zewg dati hawn indikati fil-paragrafu tnax punt tnejn, (12.2), u fil-paragrafu tnax punt erbgha, (12.4), ghandu jkun pacifiku li ghadda perjodu ta' aktar minn hames (5) snin rikjest fl-artiklu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12.6. Illi ghaldaqstant l-elementi rikjesti mill-artiklu imsemmi fil-paragrafu precedenti kollha jirrizultaw assodati;

12.7. Illi allura, in vista tal-istess, it-talba tar-rikorrenti Manche` tirrizulta preskritta skont il-ligi;

**DECIDE:**

13.0. Illi in vista tal-premess takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Carmel sive Charles Grech u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

13.1. Illi konsegwentment tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-process;

13.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Sergio Manche`.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------